**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Jannar 2021**

**Rikors Numru : 85/2020 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**GC**

**vs**

**CC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' GC, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fl-10 t'Ottubru 1998 gewwa l-Oratorju San Gwann Bosco, tas-Sliema, Kopja tac-Certifikat taz-Zwieg qed jigi anness u mmarkat Dok A;*

*Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, ossija J li twieled f'X, M li twieled f'Y u K li twieled f'Z;*

*Illi l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni nhar il-21 ta' Jannar 2016 fl-Atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella (kopja tal-Kuntratt ta' Separazzjoni qed tigi annessa u mmarkata Dok B);*

*Illi ai termini ta' Artikolu 5 ta' l-istess Kuntratt, iz-zewg partijiet irrinunzjaw irrevokabbilment ghad-dritt ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin;*

*Illi ai termini ta' l-Artikolu 6, ir-rikorrenti obbliga ruhu illi jhallas is-somma ta' €600 kull erbgha gimghat bhala manteniment ossia €200 ghal kull wild liema*

*ammont jeskludi kontribuzzjonijiet tar-rikorrenti ghas-sahha u edukazzjoni tal-minuri u r-rikorrenti jikkonferma illi dan l-ammont jithallas regolarment u sa llu, ma hemm l-ebda arretrati pendent;*

*Illi ai termini tal-Artikolu 9(b), il-mara obbligat ruhha thallas is-somma ta' tletin elf (€30,000) bhala assenzjoni ta' sehmu mill-fond matrimonjali, u liema somma sal-gurnata tallum ghada ma thalsitx kollha u ghad hemm ammont pendenti ta' ghaxart elef (€10,000);*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li l-partijiet ilhom aktar minn erbgha snin mifrudin, huma illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrent filwaqt li jaghmel riferenza ghas-suespost jitlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-Zwieg bejn il-partijiet.*

2. *Tordna lir-Registraur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' CC, datata 8 ta' Mejju 2020, a fol 19, li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti fis-26 ta' Frar 2020 giet notifikata bir-rikors promotur fejn ir-*

*rikorrenti talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex iz-zwieg ta' bejniethom jinhall;*

2. *Illi hija taqbel mal-premessi tar-rikorrenti;*

3. *Illi m'ghandha l-ebda oggezzjoni illi z-zwieg taghha mar-rikorrenti jinhall permezz ta' divorzju minn dina l-Onorabbli Qorti b'dan illi hija m'ghandiex tkun responsabbli ghall-ispejjez involuti;*

4. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;*

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

GC xehed (vide affidavit a fol 23) illi huwa iżżewweġ lil CC fl-10 ta' Ottubru 1998 ġewwa l-Oratorju San Gwann Bosco, Sliema.  Minn dan iż-żwieġ twieldu tliet itfal wieħed maġorenni, u tnejn minorenni.  Illi z-zwieg ma rnexxiex (vide certifikat taz-zwieg bin-numru tar-registrazzjoni 1899/1998, Dok A fol 5) , u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali fil-21 ta' Jannar 2016.  Illi l-obbligu tal-manteniment dejjem ġie onorat. Illi il-partijiet ilhom iktar minn erba' snin separati, u ma hemmx prospett ta' rikonċiljazzjoni.

CC xehdet (Vide affidavit a fol 26) u ikkonfermat u ikkoraborat dak li xehed żewġha GC.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-10 t'Ottubru 1998 (vide certifikat taz-zwieg bin-numru tar-registrazzjoni 1899/1998, Dok A fol 5) u li minn dan iz-zwieg twieldu tlett titfal, wieħed maġorenni u tnejn minorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella, datat 21 ta' Jannar 2016 (vide Dok. B fol 6 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja bejn il-partijiet il-hall taz-zwieg certifikat b'registrazzjoni numru 1899/1998 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien mghoti mill-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**